

Emenda 16

Marie-Christine Vergiat, Paloma López Bermejo, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Xabier Benito Ziluaga, Barbara Spinelli, Lynn Boylan, Marina Albiol Guzmán, Marisa Matias, Merja Kyllönen, Cornelia Ernst, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Ángela Vallina, Maria Lidia Senra Rodríguez
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0374/2018****Monika Hohlmeier, Helga Stevens**

Il-konstatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Speċjali dwar it-Terroriżmu (2018/2044(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Premessa J***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

J. billi l-linja bejn ***l-UE*** u ***l-kompetenzi*** nazzjonali mhijiex dejjem ċara minħabba karatteristiċi differenti u prerogattivi ġeografiċi, u b'hekk tissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni bejn iż-żewġ livelli ta' governanza; billi l-firxa varjata ta' atturi reġjonali, nazzjonali, internazzjonali u tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu b'kompetenzi li jikkoinċidu u b'mandati mhux delineati biżżejjed, l-għadd kbir ta' fora formali u informali għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-aġenziji reġjonali u nazzjonali differenti, bejn is-servizzi tal-infurzar tal-liġi u s-servizzi tal-intelligence u bejn l-UE u l-Istati Membri, jissottolinjaw il-kumplessità ta' diffikultajiet fir-rigward tal-koordinazzjoni, l-effiċjenza u l-koerenza tar-rispons għat-theddida terroristika u jistgħu jwasslu għal dawn id-diffikultajiet;

J. billi l-linja bejn ***il-kompetenzi tal-UE*** u ***dawk*** nazzjonali mhijiex dejjem ċara minħabba karatteristiċi differenti u prerogattivi ġeografiċi, u b'hekk tissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni bejn iż-żewġ livelli ta' governanza; billi l-firxa varjata ta' atturi reġjonali, nazzjonali, internazzjonali u tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu b'kompetenzi li jikkoinċidu u b'mandati mhux delineati biżżejjed, l-għadd kbir ta' fora formali u informali għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-aġenziji reġjonali u nazzjonali differenti, bejn is-servizzi tal-infurzar tal-liġi u s-servizzi tal-intelligence u bejn l-UE u l-Istati Membri, jissottolinjaw il-kumplessità ta' diffikultajiet fir-rigward tal-koordinazzjoni, l-effiċjenza u l-koerenza tar-rispons għat-theddida terroristika u jistgħu jwasslu għal dawn id-diffikultajiet, ***speċjalment minħabba li ma hemm l-ebda definizzjoni tat-"terroriżmu" li tgawdi rikonoxximent internazzjonali;***

Or. en

Emenda 17

Marie-Christine Vergiat, Paloma López Bermejo, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Xabier Benito Ziluaga, Barbara Spinelli, Lynn Boylan, Marina Albiol Guzmán, Marisa Matias, Merja Kyllönen, Cornelia Ernst, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Ángela Vallina, Maria Lidia Senra Rodríguez
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0374/2018****Monika Hohlmeier, Helga Stevens**

Il-konstatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Speċjali dwar it-Terroriżmu (2018/2044(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Premessa U***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

U. billi l-iżviluppi ***u l-instabbiltà*** fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq (***MENA***) ippermettew lil Daesh u lil gruppi terroristiċi oħra jiksbu preżenza soda f'pajjiżi fil-fruntiera mal-UE ***u jirreklutaw għallieda li għejjin mill-pajjiżi tal-UE fuq skala mingħajr preċedent***; billi bħala riżultat, ir-rabta bejn is-sigurtà interna u esterna saret aktar prominenti;

U. billi l-iżviluppi fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq ippermettew lil Daesh u lil gruppi terroristiċi oħra jiksbu preżenza soda f'pajjiżi fil-fruntiera mal-UE, ***preżenza li fil-biċċa l-kbira tqawwiet bl-instabbiltà li għiebu magħhom diversi interventi militari fl-Iraq, fis-Sirja u fil-Libja***; billi bħala riżultat, ir-rabta bejn is-sigurtà interna u esterna saret aktar prominenti;

Or. en

4.12.2018

A8-0374/18

Emenda 18

Marie-Christine Vergiat, Paloma López Bermejo, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Xabier Benito Ziluaga, Barbara Spinelli, Lynn Boylan, Marina Albiol Guzmán, Marisa Matias, Merja Kyllönen, Cornelia Ernst, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Ángela Vallina, Maria Lidia Senra Rodríguez
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0374/2018

Monika Hohlmeier, Helga Stevens

Il-konstatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Speċjali dwar it-Terroriżmu (2018/2044(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Recital AC a (new)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

ACa. billi r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu jsostni li politiki tal-migrazzjoni wisq restrittivi li ġew implimentati minħabba tħassib dwar it-terroriżmu mhumiex iġġustifikati, u fil-fatt jistgħu jirrappreżentaw riskju għas-sigurtà tal-pajjiżi;

Or. en

4.12.2018

A8-0374/19

Emenda 19

Marie-Christine Vergiat, Paloma López Bermejo, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Xabier Benito Ziluaga, Barbara Spinelli, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka, Lynn Boylan, Marina Albiol Guzmán, Marisa Matias, Merja Kyllönen, Cornelia Ernst, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Ángela Vallina
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0374/2018

Monika Hohlmeier, Helga Stevens

Il-konstatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Speċjali dwar it-Terroriżmu (2018/2044(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa APa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

APa. billi l-pulizija lokali għandha rwol pożittiv f'li ssir taf il-persuni vulnerabbli u tibni relazzjonijiet ta' fiduċja magħhom fuq il-bażi ta' rispettt reċiproku mal-gruppi kkonċernati bil-għan li tiegħu azzjoni qabel ma sseħħ ir-radikalizzazzjoni u tipprevjeni l-ħolqien ta' sentimenti ta' sfiduċja fl-istat u fl-istituzzjonijiet;

Or. en

4.12.2018

A8-0374/20

Emenda 20

Marie-Christine Vergiat, Paloma López Bermejo, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Xabier Benito Ziluaga, Barbara Spinelli, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka, Lynn Boylan, Emmanuel Maurel, Marina Albiol Guzmán, Merja Kyllönen, Marisa Matias, Cornelia Ernst, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Ángela Vallina, Maria Lidia Senra Rodríguez
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0374/2018

Monika Hohlmeier, Helga Stevens

Il-konstatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Speċjali dwar it-Terroriżmu (2018/2044(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa EOa (ġdida)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

EOa. billi l-finanzjament ta' Daesh u ta' gruppi terroristiċi oħrajn sar possibbli permezz tal-involviment attiv jew passiv ta' ċerti stati, fosthom stati li suppost huma alleati tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, kif ukoll ta' atturi privati;

Or. en

4.12.2018

A8-0374/21

Emenda 21

Marie-Christine Vergiat, Paloma López Bermejo, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Xabier Benito Ziluaga, Barbara Spinelli, Lynn Boylan, Marina Albiol Guzmán, Marisa Matias, Merja Kyllönen, Cornelia Ernst, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Ángela Vallina, Maria Lidia Senra Rodríguez
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0374/2018

Monika Hohlmeier, Helga Stevens

Il-konstatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Speċjali dwar it-Terroriżmu (2018/2044(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa FE (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

FEa. billi l-Unjoni Ewropea jeħtiġilha tiżgura l-protezzjoni legali u ġudizzjarja taċ-ċittadini tagħha, inkluż meta jkunu wettqu delitti estremament gravi; billi jeħtiġilha tiżgura li dawn ikollhom id-dritt għal proċess ġust, inkluż li tiżgura r-ripatrijazzjoni tagħhom, u aktar u aktar meta jkunu mhedda bil-piena tal-mewt;

Or. en